MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Dicembru, 2005

Appell Kriminali Numru. 144/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**Alexander Chircop**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Alexander Chircop talli:

1) F'diversi bnadi f'dawn il-Gzejjer matul Marzu 2004 u Novembru 2004, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera' haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti

immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh li jeccedi l-elf liri Maltin (Lm1000) ghad-dannu ta’ Robert Azzopardi minn Had-Dingli;

2) Fl-istess perijodu w cirkostanzi, wieghed, ta jew offra sew b’mod dirett jew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil Robert Azzopardi minn Had-Dingli li tasserixxi jew tikkonferma li kien kapaci jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod li tiddeciedi Charmaine Gerada, ufficjal pubbliku, sabiex sabiex igieghel lil Charmaine Gerada tesercita dik l-influwenza sew jekk dak il-vantagg kien ghal Robert Azzopardi minn Had-Dingli jew ghal xi hadd iehor;

3) Fl-istess perijodu w cirkostanzi, ircieva jew accetta xi offerta jew weghda ta’ xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal haddiehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod li tiddeciedi Charmaine Gerada, ufficjal pubbliku;

4) Fl-istess perijodu w cirkostanzi, bil-hsieb li jtellef jew inaqqas il-gieh ta’ Charmaine Gerada, ufficjal pubbliku, weggaghha bi kliem, b’gesti, b’kitba, b’disinji jew b’xi mod iehor;

5) Sar recidiv a terminu ta' l-artikolu 49 *et sequitur* tal-Kodici Kriminali b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati datata 6 ta’ Novembru 2003 liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula.;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ April 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Alexander Chircop, fuq ammissjoni, hati ta' l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu ghall-perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-Avukat Generali pprezentat fl-10 ta’ Mejju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti joghgobha tirriforma u timmodifika s-sentenza appellata, billi filwaqt li tikkonfermaha f’dik il-parti fejn iddikjarat u sabet htija fl-imputat appellat skond l-imputazzjonijiet

migjuba kontrih, thassarha u tirrevokaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu ghal sitt (6) xhur prigunerija sospizi ghal sentejn (2), u minflok tinfliggi l-piena skond il-ligi b'mod li almenu minimament il-perijodu ta' prigunerija inflitt mill-Qorti Inferjuri ikun wiehed effettiv u mhux sospiz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Fis-seduta tal-21 ta' Lulju 2005, Dott. Ian Farrugia ghall-appellat eccepixxa n-nullita` tar-rikors ta' appell ghaliex ma jissodisfax ir-rekwizit tal-ligi msemmi fl-artikolu 419(1)(a) tal-Kap. 9, u cioe` li r-rikors ta' appell ma fihx il-fatti fil-qosor.

L-artikolu 419 (1) tal-Kodici Kriminali fil-fatt jipprovdi li r-rikors ta' appell, *"barra mill-indikazzjoni komuni ghall-atti gudizzjarji,* ***ghandu jkun fih, taht piena ta' nullita` - (a) il-fatti fil-qosor ….****"*.

Fir-rikors ta' appell tieghu l-Avukat Generali jghid li l-fatti fil-qosor kienu: *"li fis-seduti tal-14 ta' April u tat-28 ta' April 2005, l-imputat appellat volontarjament u inkondizzjonatament ammetta l-imputazzjonijiet kollha addebitati lilu, b'mod li, ghalhekk, l-ewwel Qorti ghaddiet ghall-prolazzjoni tas-sentenza. Ghall-fini ta' piena, dik l-istess Qorti semghet li l-vittma Charmaine Gerada kienet qieghda tircievi pagamenti bhala restituzzjoni tal-flus mehuda mill-imputat"*.

Il-prosekuzzjoni argomentat li ladarba l-appell huwa fuq punt procedurali, kull kumment fuq il-fatti huwa superfluwu. Dan pero` mhuwiex korrett. L-artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Kriminali ma jaghmel ebda distinzjoni bejn appelli fejn ikun hemm ammissjoni u appelli minn sentenzi f'kawzi fejn il-htija tkun giet kontestata.

Issa hu ovvju li ma hemm xejn fl-esposizzjoni tal-fatti kif saret fir-rikors ta' appell li jillumina lil din il-Qorti dwar il-

fatti tar-reati dedotti nnifishom. U biex il-Qorti tkun taf dawn il-fatti trid f'dan il-kaz tisma' x-xhieda, haga li ma tistax taghmel ovvjament ghax hadd ma xehed quddiem l-ewwel Qorti in vista ta' l-ammissjoni li rregistra l-appellat. U l-unika referenza li saret ghall-fatti hija sahansitra referenza zbaljata peress li ma jirrizultax li "Charmaine Gerada" kienet vittma izda kien "Robert Azzopardi" l-vittma ndikat fl-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat.

Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta mill-Onor. Imhallef Dr. V. DeGaetano (illum Prim Imhallef) fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Joseph Said** moghtija fil-25 ta' Lulju 1994 (Vol. LXXVIII.v.304):

**"Il-gurisprudenza ormai kopjuza dwar in-nullita` tar-rikors ta' l-appell minhabba karenza tar-rekwizit tal-fatti fil-qosor, ma hix gurisprudenza bbazata fuq formalizmu jew inflessibilita` procedurali, izda gurisprudenza bbazata fuq interpretazzjoni ragjonevoli tal-imsemmi dispost tal-ligi.… Il-principji stabbiliti … jinsabu rispekkjati f'sentenzi aktar recenti bhal, per ezempju, 'Il-Pulizija v. Lawrence Zammit u Paul Spiteri', 25 ta' Lulju 1986, 'Il-Pulizija v. Alfred Debono', 23 ta' April 1992 u 'Il-Pulizija v. Julian Bonello', 14 ta' Mejju 1992, ilkoll appelli kriminali, jistghu jigu riassunti fis-segwenti tliet propozizzjonijiet: (1) li r-rikors ghandu jkun fih espozizzjoni tal-fatti saljenti u essenzjali tal-kawza, esposti b'mod car u komplet, b'mod li l-kontroparti tkun tista' tifhem fuqhiex ghandha tiddefendi ruhha jew tittratta, u b'mod li din il-Qorti tkun tista' ssegwi sewwa l-isvolgiment tal-kaz u tillimita d-dibattitu ghal dak li hu bzonnjuz u tirrikjedi l-iskjarimenti mehtiega; (2) illi ghalhekk ma jkunx sodisfatt il-vot tal-ligi jekk il-fatti jkunu sparpaljati b'mod li wiehed irid joqghod jistad ghalihom biex forsi jindividwahom; u (3) li certament mhux il-kompitu tal-Qorti li toqghod tipprova tispigola l-fatti mill-aggravji jew vice-versa."**

Fl-Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Vincent Fenech** deciz fis-17 ta' Ottubru 1997 minn din il-Qorti diversament

presjeduta ukoll mill-Imhallef Dr. V. DeGaetano, intqal li ghalkemm il-Qorti:

**"tfahhar kull sforz li jsir biex fl-atti gudizzjarji tigi kkoltivata l-prassi ta' l-ekonomija tal-kliem, hu evidenti li tali ekonomija ma tistax tkun a skapitu tas-sens u l-iskop guridiku ta' l-att in kwistjoni, cioe` ma tistax tkun ekonomija tali li ggib fix-xejn u tirrendi inoperattiv u bla sens dak l-att".**

Il-Qorti taghmel referenza ghal gurisprudenza kopjuza[1] li kollha tindika li fejn ikun hemm il-karenza tal-fatti fil-qosor, dan ghandu jwassal ghan-nullita` tar-rikors ta' l-appell sija jekk dan ikun ta' l-akkuzat u sija jekk ikun ta' l-Avukat Generali.

Fil-kaz odjern l-espozizzjoni tal-fatti hi karenti ghal kollox u ghalhekk l-eccezzjoni tad-difiza timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjoni preliminari tan-nullita` tar-rikors ta' l-appell sollevata mid-difiza u tiddikjara r-rikors ta' l-appell irritu u null ghax ma jissodisfax ir-rekwizit mehtieg taht piena ta' nullita` mill-artikolu 419(1)(a) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Ara, fost ohrajn, dawn l-Appelli Kriminali: **Il-Pulizija v. Anthony Gafa`** [15.6.01], **Il-Pulizija v. Charles Mangion et** [1.10.03], **Il-Pulizija v. Herman McKay et** [7.1.04], **Il-Pulizija v. Tarcisio Gatt** [22.1.04], **Il-Pulizija v. Gaetano Bonnici** [18.3.04], **Il-Pulizija v. Luke V. Gauci** [25.3.04], **Il-Pulizija v. Paul Abela et** [27.5.04], **Il-Pulizija v. Emanuel Gauci** [10.6.04], **Il-Pulizija v. Abdul Salam Tumy Al Forgni** [22.3.05].